MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1090/2000/1

**Fairs & Exhibitions Limited**

**vs**

**Thomas Busuttil u Frank Busuttil f'isimhom proprio u ghal kull interess li jista' jkollhom fis-socjeta' bl-isem "Firm Richard Busuttil"**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ippremettiet:-

Illi hija l-organizzatrici tal-fjera internazzjonali ta' Malta apparte fjeri ohra, fit-Trade Fair Grounds, Naxxar.

Illi meta esibitur ikun ha sehem fl-edizzjoni tal-fjera internazzjonali precedenti huwa ghandu id-dritt li jerga

jippartecipa fil-fjera li jkun imiss billi izomm l-istand li ikun gie lilu allokat u dan purche' li jissodisfa certi kirterji ta' partecipazzjoni.

Illi wara li saret l-indagini necessarja irrizulta li il-konvenuti ossija "Firm Richard Busuttil" mhux biss ma ghadhiex intitolata ghal ebda trattament preferenzjali, anzi jirrizulta li xjentement tat informazzjoni zbaljata lis-socjeta' attrici biex tipprova izzomm id-dritt taghha u ghalhekk hija tilfet kull dritt ghall-imsemmi stand taghha u cioe dak li igib in-nurmu P 99.

Illi l-konvenuti mitluba sabiex jirrilaxxjaw l-imsemmi stand u jirritornaw ic-cwievet tieghu lis-socjeta' attrici huma baqghu inadempjenti u b'dan l-agir taghhom issa qeghdin ukoll jirrendu ruhhom responsabbli ghad-danni li qed jigu kawzati lis-socjeta' attrici.

Ghalhekk is-socjerta' attrici qed titlob li jigi dikjarat li il-konvenuti tilfu kull dritt ta' preferenza ghall-istand imsemmi u li sa issa kien godut mill-istess konvenuti; li jigi ordnat lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat jisgumbraw mill-imsemmi stand u jirritornaw ic-cwievet ghall-istess lis-socjeta' attrici; in difett li jaghmlu dan li l-istess konvenuti jigu kkundannati bhala li iddisprezzaw l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti; li s-socjeta' attrici tigi awtorizzata tirriprendi pussess tal-imsemmija stand a spejjes u riskju tal-konvenuti u dan isir taht dawk il-provvdimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi, fosthom billi tisfronda il-bieb ghall-istess stand u li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni, liema danni jigu likwidati f'gudizzju separat – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' erba' ittri legali u tal-konsult ammontanti ghall-Lm17.25 kontra il-konvenuti li gew ingunati ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuit Frank Busuttil proprio fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes fil-konfornt tal-eccipjent stante li huma infondati fil fatt u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

In linea preliminari jigi dikjarat li hu qatt kellu fil-passat u ma ghandux lanqas illum, konnessjoni mas-socjeta’ Richard Busuttil, u konsegwentement mhuwiex il-legittimu kontradittur, u ghandu jigi liberat mill-gudizzju.

Jsegwi li l-ewwel talba ma tistax tigi akkolta minhabba li l-eccipjent qatt ma kellu trattament preferenzjali u konsegwentement persuna ma tistax titlef dak li qatt ma kella.

Jsegwi li t-tieni talba ma tistax tigi akkolta u l-eccipjent ma ghandux jigi kundannat jirritorna cwievet li qatt ma kellu, u lanqas zgumbrat minn fond li qatt ma kien fil-pussess tieghu.

Jsegwi li t-tielet talba maghmula fil-konfront tieghu ghandha tigi ukoll michuda, u hija fi kwalunkwe kaz intempestiva.

Jsegwi li r-raba talba ghandha tigi michuda fil-konfront ta’ l-eccipjent ghar-ragunijiet fuq moghtija, fosthom li ma ghandux jehel l-ebda spejjes ghat-tehid ta’ haga li mhiex fil-pussess tieghu.

Jsegwi li l-hames talba ghandha ukoll tigi respinta peress li fil-konfront tal-eccipjent hija infondata, superfluwa u anke vessatorja.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut Frank Busuttil debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Thomas Busuttil f’ismu proprju u ghall-kull interess li jista’ ikollu fis-socjeta’ bl-isem “Firm Richard Busuttil” fejn gie eccepit:-

Illi l-allegazzjonijiet tal-attur huma ghal kollox infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan ser jigi stabbilit waqt it-trattazzjoni tal-kawza peress illi l-konvenut ma ta’ ebda informazzjoni zbaljata.

Illi di piu l-konvenut ghad-ghandu d-dritt sal-lum ghat-trattament preferenzjali peress li ma wettaq xejn hazin sabiex jigi negat dan it-trattament.

Illi l-attur ma soffra ebda danni anzi kien l-konvenut minhabba l-agir tal-attur li sofra d-danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Thomas Busuttil propio u ghall-kull interess li jista’ jkollu fis-socjeta’ bl-isem “Firm Richard Busuttil” debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Semghat lill-konvenut Thomas Busuttil imsejjah mis-socjeta’ attrici.

Rat l-affidavit ta’ Joseph Zammit presentat mis-socjeta’ attrici.

Semghat lix-xhud Joseph Zammit fil-kontro-ezami.

Semghat lix-xhud Joseph Zammit imsejjah mis-socjeta’ attrici.

Semghat lill-konvenut Frank Busuttil.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta attrici.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut Frank Busuttil.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut Thomas Busuttil

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Jirrizulta mill-provi prodotti li l-konvenut Frank Busuttil m'ghandu l-ebda konnessjoni mad-ditta in kwestjoni cioe' d-ditta "Firm Richard Busuttil." Jirrizulta fil-fatt li l-istess konvenut ilu zmien twil li qata kull konnessjoni mal-istess ditta u ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tal-istess konvenut jisthoqqilhom li jigu akkolti u konsegwentement l-istess konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Jirrizulta ukoll mill-provi illi l-konvenut l-iehor Thomas Busuttil permezz ta' xi kumpannija jew ohra li fiha huwa kien involut direttament kien qed jippartecipa ta' kull sena fil-fierain kwestjoni, izda in effett kien hemm dizgwid bejn il-kontendenti dwar liema wahda minn dawn il-varji entitajiet kienet awtorizzata tuza l-istand fl-istess fiera – cioe' min kien qiegħed attwalment japplika u jikseb permess mingħand is-soċjetà attriċi biex jippartecipa fil-fiera. Huwa ċert li l-ircevuti kollha mahruga mis-socjeta' attrici huma f'isem id-ditta Firm Richard Busuttil jew R & T Busuttil, iżda mhux il-korrispondenza kollha in effett tirrefletti dan. Dan in-nuqqas ta' konsistenza jirriżulta kif ġej:-

Mid-dokument li jinsab fol.41 fejn jidher illi l-konvenut Thomas Busuttil gharraf lis-socjeta' attrici li kien se jittanta jirregistra ghall-VAT f'ismu personali u dan fl-14 ta' Gunju 2000 – din wahedha tindika li ghal xi raguni d-ditta Firm Richard Busuttil ma kinitx se tibqa' tippartecipa fil-fiera (jew forsi wkoll li ma kinitx għadha topera).

A fol 43 hemm ftehim li permezz tiegħu TBS Services Limited kienet se takkwista n-negozju ta' Firm Richard Busuttil - prova ohra illi din id-ditta ma kinitx ghadha topera. Madankollu, huwa improbabbli, kif jallega l-konvenut, illi sar semplici zball fid-data tal-ftehim. Għalhekk dan id-dokument ma jirriżultax kredibbli fil-fehma ta' din il-Qorti.

A Fol 45 tidher ittra minghand il-konvenut biex javza li d-ditta kienet se tinxtara minn TEG Industries Limited. Dan id-dokument, jekk xejn, huwa konfliġġenti ma' dak imsemmi li hemm a fol 43.

A fol 46 hemm ittra li tgharraf lis-socjeta' attrici illi issa d-ditta Firm Richard Busuttil m'ghadhiex topera u minflokha qed topera TEG Industries Limited. Dawn iz-zewg dokumenti flimkien irrendu l-ftehim ta' l-1996 a fol 43 inverosimili, ghaliex jekk xejn TBS Services Limited kienet qed takkwista n-negozju minghand TEG Industries, u mhux minghand Firm Richard Busuttil. Din il-konfużjoni ta' dokumenti u tranżazzjonijiet hija xi ftit infeliċi.

A fol 63 hemm korrispondenza ohra mibghuta minghand TEG Industries Limited lis-socjeta' attrici fir-rigward tal-fiera.

A fol 79 hemm applikazzjoni ghall-partecipazzjoni fil-fiera tal-1999, u hdejn "Name of Firm/Company" jidher l-isem Richard Busuttil (wiehed jassumi li r-referenza hi ghad-ditta). Dan jidher li qed ireġġa' lura dak kollu li apparentament kien sar bħala trasferiment ta' negozju – u jxejjen dawk it-tranżazzjonijiet. Inkella dan kien sempliċi mezz sabiex il-konvenut jipprova jżomm id-dritt li juża l-istand fil-fiera għall-kumpanniji fejn huwa kien involut billi jirriverti ghall-uzu tal-isem tad-ditta.

A fol 82 tidher ittra mid-ditta Firm Richard Busuttil bid-data 23.06.1999 dwar ispezzjoni li saret mis-socjeta' attrici tal-merkanzija li kienet se turi d-ditta Richard Busuttil fil-fiera

A fol 77 u 79 hemm informazzjoni mir-Registru tal-Kumpanniji li ssemmi bhala azzjonisti ta' TBS Services Limited lil Richard u Stephen Busuttil (ulied tal-konvenut Thomas Busuttil) mentri a fol 80 u 81 hemm informazzjoni mir-Registru tal-Kumpanniji li taghti bhala azzjonisti ta' TEG Industries Limited il-konvenut Thomas Busuttil stess. Kieku wieħed iħares lil hinn mill-istruttura tal-kumpanniji, allura għadu l-istess Thomas Busuttil li fl-aħħar mill-aħħar

qed jinnegozja mas-soċjetà attriċi, pero' dejjem f'kapacita' differenti.

Jidher ghalhekk illi b'xi mod jew iehor, Thomas Busuttil kien qieghed jipprova jzomm id-dritt li jippartecipa fil-fiera ta' kull sena billi b'xi mod jew iehor jinvolvi isem id-ditta Richard Busuttil, u sussegwentement saru ukoll negozji mal-kumpanniji fejn huwa u wliedu kienu involuti sabiex jista' juri l-merkanzija taghhom ukoll.

Fil-process gie esebit ukoll ftehim ma' Paul Target Limited, biex il-kumpannija fejn huwa azzjonist l-istess konvenut Thomas Busuttil tippreżenta l-merkanzija ta' din il-kumpannija terza għall-bejgħ fil-fiera.

Thomas Busuttil jidher li kien ipprova jgharraf lis-socjeta' attrici li kenet saret bidla fil-kumpannija jew entita' li kien qed jirrapprezenta biex din tippartecipa fil-fiera izda s-socjeta' attrici xorta kompliet tahrog l-ircevuti f'isem id-ditta li originarjament kienet il-parti kontraenti. Donnu li s-soċjetà attriċi qatt ma riedet tirrikonoxxi lil entita' ohra hlief l-applikanti originali.

Filwaqt li Thomas Busuttil jallega li d-ditta ghadha topera u hemm *trade mark* rregistrat fuq isimha, ma ressaq ebda prova biex imeri l-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici li din m'ghadhiex topera, jew xi prova ta' reġistrazzjoni tat-trade mark. Di piu, ressaq jew irrefera provi li jindikaw li x'aktarx in-negozju ta' din id-ditta nxtara minn socjetajiet ohrajn – kif issemma aktar 'il fuq, u ma jirrizultax car fil-fatt liema socjeta' akkwistat dan in-negozju jew jekk dan fil-fatt sarx jew le.  Fi kwalunkwe kaz, u fuq bażi tal-provi kollha ġja indikati, dan kollu jindika li d-ditta Richard Busuttil ma kinitx ghadha topera, jew inkella li mhuwiex minnu li n-negozju tagħha ġie akkwistat minn xi kumpannija oħra għaliex ma kinitx tibqa' topera kieku dan kien il-każ.

Għaldaqstant, applikazzjoni mingħand Thomas Busuttil mas-soċjetà attriċi kellha tkun f'isem dik l-entita' li kienet se tippartecipa f'dik is-sena fejn kienet qed issir l-applikazzjoni. Jekk dan kien il-każ, l-irċevuti kellhom ikunu f'isem dik il-kumpannija li kienet ħallset il-miżata. Ladarba

l-ircevuti kollha kienu f’isem id-ditta Richard Busuttil, Thomas Busuttil kellu l-ghazla li jitlob li dawn jigu emendati minhabba l-kotba tas-socjeta’ li fil-fatt kienet ippartecipat. Dan ma jidhirx li sar – għall-inqas mill-provi prodotti.

Min-naha l-ohra, is-socjeta’ attrici nghatat informazzjoni dwar it-tibdil fl-isem jew fl-entita’ li riedet turi l-merkanzija tagħha u s-soċjetà attriċi ghazlet li tinjoraha u taccetta l-kera kull sena u tohrog ricevuti f'isem l-entita' originali, sakemm imbaghad dehret merkanzija ta’ entita’ esterna, jigifieri tal-imsemmija Paul Target Limited.

Konsiderazzjonijiet Legali

Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita.

Fil-fehma tal-Qorti, il-punt krucjali huwa meta l-partijiet ghamlu l-ftehim u x’intenzjoni kellhom, u dan jghodd ukoll meta jiġġedded il-kuntratt – li f’dan il-każ isir kull sena meta ditta jew kumpannija terġa’ tapplika biex tipparteċipa fil-fiera.

Il-kondizzjonijiet tas-socjeta’ attrici huma kondizzjonijiet stabbiliti minnha stess ghall-wirja ta’ oggetti fil-proprjeta’ taghha cioe’ fil-fiera in kwestjoni u f’attività organizzata minnha stess, u ghalhekk ghandha dritt tiddeciedi kemm x’inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed juża l-istands, kif ukoll jekk dawn il-kundizzjonijiet gewx miksura minn xi negozjant. Dan jigri f'kull kaz meta xi entita' tixtieq tiehu xi servizz generali minghand kumpannija li toffri dawn is-servizzi fuq kondizzjonijiet li huma l-istess ghal kulhadd. Ladarba ma jkunx hemm diskriminazzjoni jew xi agir illeċitu, dan huwa aċċettabbli u kull min irid juża dawn is-servizzi irid jaċċetta l-kundizzjonijiet standard. Kieku dan ma kienx il-kaz, id-deċiżjoni biex jiġġedded kuntratt bhal

dan hija waħda bilaterali – jigifieri x-xewqa li wiehed igedded ghandha tigi da parti ta’ entrambi l-partijiet. Jekk xi wahda mill-partijiet ma tixtieqx iggedded kuntratt, m’ghandhiex ghalfejn tiggustifika jekk kienx hemm ksur tal-kondizzjonijiet tiegħu jew ghaliex ma tixtieqx iggedded – tista' semplicement ma ggeddidx. Ghaldaqstant fl-ebda kaz is-socjeta’ attrici ma tista’ tinġiegħel li ġġedded kuntratt sakemm ma tkunx b’dan qed tikser xi ligi oħra.

Fil-każ odjern, kundizzjoni ċara kienet li setgħet tintwera merkanzija biss tal-kumpannija li kienet iffirmat l-applikazzjoni. Meta s-soċjetà attriċi indunat li kien hemm merkanzija ta’ entitajiet terzi li qed tintwera fuq l-istand in kwistjoni, din għażlet li ma tixtieqx tkompli tinnegozja, u ghaldaqstant ma riditx iggedded dak il-kuntratt.

Ghalhekk:

Jirrizulta sufficjentament provat li d-ditta Firm Richard Busuttil m’ghadhiex topera – jew ghall-inqas ma hemmx prova sufficjenti kuntrarja - u ghalhekk ma tista’ tkun intitolata ghal ebda dritt fir-rigward ta’ xi kuntratt.

Jirrizulta li wkoll bil-wirja ta’ prodotti ta’ terzi, is-socjeta’ attrici hasset li l-kundizzjonijet standard taghha gew miksura u ghalhekk ma xtaqitx tkompli ggedded il-kuntratt bejn il-partijiet, kif hija kienet intitolata li taghmel.

Jinghad illi s-socjeta' attrici ma ppruvatx li sofriet xi danni – anzi, kull sena rceviet il-kera minghand il-konvenuti kif kien ikun il-kaz jekk ma kienx hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar ksur o meno tal-kondizzjonijiet tas-socjeta' attrici. Fi kwalunkwe kaz, ma tressqet ebda prova dwar danni, u lanqas ma saret allegazzjoni dwar dan hlief fil-hames talba u din il-kwistjoni ma gietx trattata fil-kors tas-smigh tal-kawza.

Ghaldaqstant, fir-rigward tat-talbiet attrici:

tiddikjara li il-konvenuti m’ghandhomx dritt ta’ preferenza ghall-istand in kwistjoni.

tordna lill-konvenut Thomas Busuttil sabiex immedjatament jizgombra mill-istand u c-cwievet ritornati lis-socjeta’ attrici.

Fir-rigward tat-tielet talba, din ghandha tigi ttrattata minn proceduri appoziti jekk il-konvenuti ma jottemperawx ruhhom u ghaldaqstant din it-talba hija michuda.

Tawtorizza lis-socjeta’ attrici tiehu lura l-pussess tal-imsemmija stand wara li jsir l-imsemmi zgumbrament u li jigu ritornati c-cwievet.

Dwar il-hames talba, ladarba jintalab gudizzju separat, ghandu jkun hemm proceduri separati li fihom is-socjeta' attrici tipprova d-danni sofferti (li f'dan il-kaz ma sar bl-ebda mod) u ghaldaqstant din it-talba hi michuda.

Ghalhekk tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Thomas Busuttil u fit-tieni lok billi tlqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut Thomas Busuttil tilef kull dritt ta’ preferenza li setgha kellu dwar l-istand fil-fiera in kwestjoni u tordna lill-istess konvenut Thomas Busuttil sabiex immedjatament huwa jizgombra mill-imsemmi stand u jirritorna c-cwievet kollha relattivi lis-socjeta’ attrici u fin-nuqqas l-imsemmi konvenut jista jigi soggett ghal-pieni li hemm fil-ligi ghad-disprezz tal-awtorita’ tal-Qorti. Inoltre s-socjeta’ attrici qed tigi awtorizzata tirriprendi l-pussess tal-imsemmija stand a spejjes u riskju tal-imsemmi konvenut bil-fakolta’ li jekk ikun il-kaz li jigi sfrondat il-bieb ghall-istess stand bl-assistenza tal-Marixxall tal-Qorti u jekk ikun il-kaz tal-Pulizija. Inoltre ukoll tiddikjara lill-konvenut Thomas Busuttil responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi u liema danni jigu likwidati f’gudizzju separat.

Tillibera lill-konvenut Frank Busuttil mill-osservazzjoni tal-gudizzju.

Spejjez kollha jithallsu mill-konvenut Thomas Busuttil.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------